KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAD-DISA' LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 32

It-tnejn u tlettin seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 23 ta' Ġunju 2021 fis-6pm. Il-laqgħa saret ġewwa s-sala.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Graziella Attard Previ | Vici Sindku |
| | Anton Debono | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| | Kevin Wain | Kunsillier |
| | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| | Ilona Fenech | Kunsilliera |
| | Emanuel Borg | Kunsilliera |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Wallace Vella Baldacchino | Kunsillier |
| ASSENTI **B'APPOLOGIJA** | Vivien Galea Pace | Kunsilliera |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | David Soler | Kunsillier |
| **ASSENTI** | n/a | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda fis-18.13:*

*32.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 29 u 30;*
*32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*32.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*32.5 Rapporti;*
*32.6 Items Oħra*
*32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati;*
*32 8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*32.9 Mozzjonijiet*
*32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**32.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

32.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillieri P.P.Portelli u D.Soler mhumiex se jattendu peress illi għandom impenji oħra.

**32.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 29 U 30**

32.2.1 Il-kunsillier E.Borg ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsilliera K.Wain issekondat l-proposta. Il-minuti ġew approvati unaniment. *Minuti nru 31*

**32.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

32 3 1 Is-Sindku informa li waslet l-approvazzjoni tal-Lands għad-devoluzzjoni tal-area taħt il-Playing Field ta' Exiles fejn hemm rata ta' €47,700 fis-sena kera li għanda titħallas mill-Kunsill. Qal illi f'dal-istadju hemm bzonn illi l-ewwel u qabel kollox il-Kunsill ikun konvint bil-proġett. *Exiles*

Il-kunsillier P.Radmilli qajjem il-punt illi hemm bzonn isir laqgħa mall-PA sabiex inkunu ċerti liema itemi fil-BOQ se jkunu eliġġibli għall-fondi u liema le. Is-Sindku ppropona li f'dan l-istadju nitkellmu mall-Peril u wara jsiru diskussjonijiet mall-accountant, fil-fratemp nitkellmu mall-Planning ħalli naraw x'inhu eliġġibli u liema affarijiet mhumiex eliġġibbli. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi xorta tibqa importanti r-risposta dwar id-DPF għalhiex tibqa l-fatt illi mhux kull spiża tista tkun eleġibbli għall-fondi, waqt illi la se jkun

hemm introjtu mill-proġett jista jkun il-fatt illi jnaqsu l-ammont ta' fondi li nieħdu mid-DPF.
Wara diskussjoni kien hemm qbil illi nitkellmu mall-Perit biex nieħdu idea dwar estimi sabiex tinbenna l-car park sabiex l-accountant wara jkun f'pożizzjoni biex jaħdem fuq *feasibility study*. Wara jsir laqgħa mad-DPF.

32.3.2 Is-Sindku qal illi ħaddieħor wera interess għal Villa Schinas u ġejna mitlubin nibagħtu proposta tagħna sal-15 ta' Ġunju. Il-proposta ġiet ippreżentata lill-kunsilliera.
Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu tkun offiża jekk ma jaċċettawx il-proposta tal-Kunsill wara li ilna nuru interess sabiex din il-binja storiku tiġi użata għall-interess tal-komunita.Talab għall-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex inkomplu bl-interess fil-proġett. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku qal ukoll illi r-Reġjun qegħdin ifittxu post għalihom u jista jkun illi jidħlu magħna huma, izda din tibqa deċiżjoni tagħhom.

32.3.3 Is-Sindku talab informazzjoni dwar ic-CfQ għall-powerwashing tal-bajjiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm evalwaturi li għadom ma ħadux ħsieb ix-xogħol. Qal illi kull kunsillier irċieva vidjo dwar kif tintuża s-sistema, waqt illi ltaqa ma dawk illi xtaqu jagħmlu l-ewwel waħda flimkien miegħu, izda għal xi raġuni ma saritx l-evalwazzjoni tagħha.
Żied illi għat tender tal ħamiem ħadd ma tefa bid.

32.3.4 Is-Sindku qal illi waslu l-istickers ghal Junk Mail. Wara diskussjoni kien hemm qbil illi ssir trial ta' ġimagħtejn fejn in-nies jiġu l-Kunsill biex jiġbru dawn l-istickers ħalli naraw jekk din hi l-aħjar mod biex jitqassmu.

32.3.5 Is-Sindku lmenta li l-messaġġi tal-Kunsill mhumiex qegħdin joħorġu kif xieraq, u f'każijiet m'hu qed joħroġ xejn u għalhekk isuġerixxa li nappuntaw persuna biex jieħu ħsieb il-messaġġi li joħorġu fuq il-mezzi soċjali. Żied illi hu tkellem mall-kunsillier P.P.Portelli li jieħu ħsieb dawn il posts u qal illi għandu bzonn assistenza. Is-Sindku lmenta wkoll illi hemm kunsilliera li jirrispondu għal xi posts mill-pubbliku meta anqas ikunu jafu bizzejjed informazzjoni.
Il-kunsillier P.Radmilli qal illi ma jaqbilx illi hemm bzonn insibu persuna minn barra l-Kunsill. Il-kunsillier W.V.Baldacchino u I.Fenech offrew li jassistu sabiex joħorġu dawn il-messaġġi. Dawn

il-messaġġi għandom joħorġu mill-Kunsill u jiġu shared wara.

**Il-kunsillier J.Pillow talab illi jkun skużat fit-8pm.**

32.3.6 Is-Sindku fakkar illi kienet qamet każ fejn persuna tefgħat proposta għal fondi f'isem il-Kunsill mingħajr ma saret konsultazzjoni magħna. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi dwar din ittieħdet deċiżjoni diġa. Is-Sindku qal illi qed iressaqha għax b'xi mod dawn il-fondi ġew approvati u hemm €25,000 dovuti lill-Kunsill.fejn €5,000 imorru lejn il-persuna li se tassisti fl-organizzazzjoni.

Il-kunsillier P.Radmilli qal illi din il-programm toffri ħafna possibilitajiet tajbin izda hemm bzonn illi nkunu ċerti li l-affarijiet saru kif suppost. Jekk m'għandomx firma mir-rappreżentanti tal-Kunsill u dawn aċċettaw proposta tagħna, fil-fehma tiegħu hemm 'alarm bells' u jemmen illi m'għandnix nidħlu magħhom jekk mhumiex qegħdin jaħdmu kif suppost.

Is-Sindku qal illi jifhem dawn il-punti izda anqas jixtieq illi nitilfu l-flus, jew l-opportunita. Qal illi postijiet oħra ħadu l-flus mill-bidu nett. Il-kunsillier P.Radmilli qal tajjeb illi nibdew napplikaw, izda li l-affarijiet isiru kif suppost.

Wara diskussjoni ġie deċiż illi nivverifikaw x'ġara rigward din l-applikazzjoni waqt illi nuru interess f'applikazzjonijiet oħra.

**Il-kunsillier E.Borg talab biex ikun skużat fit-8.15pm. Kien skużat biex jitlaq mis-seduta.**

32.3.7 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi hemm għaqda [UISP] minn Sqallija li jippromwovu skambji ta' parteċipazzjoni sportiva u l-iktar ħaġa fil-viċin hija li jkun hemm turnament tal-futbol 5-a-side tan-nisa. It-tema hija kontra l-abbuzzi li jsiru fuq in-nisa. Sentejn ilu l-Imġarr kienu ħadu sehem u rebħu u se jerġaw jipparteċċipaw din is-sena. Fl-istess ħin se jkun hemm skambju kulturali wara t-turnament. Żied illi l-kowċ tan-nisa tat-tim tal-lokalita uriet x-xewqa tagħha biex tibgħat 10 plejers.

Il Kunsill se jara kif għandna ngħinu sabiex anka tiġi organizzata package għar-residenti li jixtiequ jitilaw jaraw it-turnament.

32.3.8 Il-kunsillier W.V.Baldacchino qal illi grupp ta' żagħżagħ avviċinawħ sabiex isir Open Air Gym fejn iffokaw primarjament f'Ġnien Bonello Depuis. Qal illi tkellem mall-Ministru tal-Isport u bħala Ministeru huma lesti jikkunsidraw illi tiġi iffinanzjata l-proġett, bil-

kundizzjoni li l-Kunsill jipprovdi pjanta tal-perit fejn hemm bzonn isiru l-interventi.
Il-Kunsill qabel illi mmexxu.

**Il-Viċi Sindku daħlet għall-ħabta ta 8.30pm**

32.3.9 Il-kunsillier W.V.Baldacchino tkompla li hemm area moħli fejn il-ġnien u ppropona li l-apparat isir hemmhekk. Kien hemm qbil illi mmexxu bil-proġett sabiex wara li jsiru l-costings tal-Perit inkunu f'pożizzjoni biex nibagħtu lil Ministeru biex jikkunsidraw il-fondi tal-proġett.

**Il-kunsillieri D.Muscat u W.V.Baldacchino talbu biex jiġu skużati mil-laqgħa peress illi kellom impenji oħra biex jattendu. Kienu skużati u telqu fit-8.45pm**

**32.4 TWEĠĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET**

32.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

**32.5 Rapporti**

32.5.1 Ma kien hemm l ebda kummenti fuq ir rapporti li intbagħtu

**32.6 Items Oħra;**

32.6.1 Il-kunsillier I.Fenech staqsiet dwar il-possibilta li ssir grawnd tal-futbol 3-a-side u basketball rings fejn il-Playing Field tal-Exiles bħali parti mill-proġett li se ssir hemmhekk. Is-Sindku qal illi fil-passat il kunsillier P.Radmilli li ppropona l-istess ħsieb u qal illi m'għandu l-ebda problemi sabiex isir emenda fil-pjanti.

32.6.2 Is Sindku qal illi waqt ix-xogħolijiet li qed isir ġewwa Pjazza Lunzjata, IM sabu d-daħla għax-xelters. L-għada tal-laqgħa għanda ssir visita tas-Superintendenza u qal huwa ġustifikat illi jsir spezzjoni tagħhom.
**Il-kunsillier J.Pillow wasal lura fid-9pm. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għaddew tlett sigħat mill-bidu tal-laqgħa u staqsa jekk hemm qbil unanimu li l-lagħat titkompla. Kien**

**hemm qbil unanimu.**

32.6.3 Il-kunsillier J.Pillow qal illi l-area fejn saret ix-xogħol tal-Kunsill quddiem il-Maypole [Dingli str.] niżlet. Is-Sindku fakkar illi kuntratturi li jagħmlu xogħolijiet fit-toroq ikun intrabat fuq manutenzjoni għal ċertu perjodu ta' ħin. Is-Sindku qal hemm issue simili ġewwa triq Depiro.

32.6.4 Il-kunsillier J.Pillow qal illi kien hemm aparat fil-Playing Fields illi kellom ħsarat u hu ra li kienu għadom taħt garanzija. Qal illi importanti dawn il-garanziji inzommu għajnejna fuqhom. Żied illi l-istess ġara mall-pits ta' Dingli str. Il-Kunsill qabel illi nibdew nieħdu rendikont ta' kull tip ta' garanzija ġo file separata minn dawk li jkollom x'jaqsmu ma' proġetti partikolari, biex b'hekk tkun eħfef biex tinżamm kontroll fuqhom.

32.6.5 Is-Sindku qal illi fil-11 ta' Ġunju kella tiġi in vigore il-bye law dwar il-kabini. Qal illi saret laqgħa ma stakeholders u li wassalna f'kompromess li jitressqu l-A frames, bi ftehim illi jitħallew tnejn. L-għada, mill-parti tal-operaturi, saret din l-azzjoni. Qal illi issa jonqos l-imbarazz li għanda titneħħa u jsiru l-ġodda, pero ġejna f'sitwazzjoni li għanda titwaħħal sticker biex turi li dawn huma mitluqa fuq il-post u għandom jitneħħew u l-pulizija offrew li jsir tagħhom. Il-kunsillier P.Radmilli qal illi l-istciker tagħhom m'għanda l ebda saħħa legali la ma tittrattax dik il bye law. Ġie deċiż illi l-Kunsill jordna madwar 50 sticker u jitwaħħlu mill-Kunsill

32.6.6 Il-kunsillier P.P.Portelli fakkar illi fis-16 ta' Ġunju se titqassam il-fuljett u fiha se jkun hemm supplement ta' Sliema Wanderers illi se jdaħħlu f'kull fuljett.

32.6.7 Is Segretarju Eżekuttiv qal illi kien bagħat il proposta ta' GreenPak bħala l-unika skema li urew interess fil-ġbir tal-iskart riċekkabbli. Qal illi fost is-suġġerimenti tal-kunsilliera, dawn waslu għand il-GreenPak u kien hemm qbil fuqhom kollha. Il-Kunsill qabel illi mmexxu.

32.6.8 Il-kunsillier A.Debono qat illi ftti wara l-Milied semmejna l-possibilita li nagħmlu presepju u ħa ħsieb biex jara x'jista jsir. Qal illi hemm proposta sabiex isir 'life size statues' u ppropona li ssir fejn il-Tlett Siġriet. Dawn ikunu statwi li naraw fil-marċijiet u magħmulin mill-fiber. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk dawn jibqaw

tajbin barra fejn ikunu esposti għall-elementi naturali. Il-kunsillier J.Pillow qal illi fil-fehma tiegħu dawn ma jiġux apprezzati u hemm il-possibilta li jsiru att vandali fuqhom. Issuġerixxa li minflok isiru cut outs u dawn isiru f'diversi positjiet madwar il-lokalita. Il-kunsillier I.Fenech qalet illi ma taqbilx mall-cut-outs waqt illi l-kunsillier K.Wain qabel illi tkun xi ħaġa speċjali wara li ma kienx hemm ċelebrazzjonijiet għal Milied 2020 u qabel illi jsiru madwar il-lokalita.

32.6.9 Fuq il-punt preċedenti s-Sindku fakkar illi qabel il-Covid saret arranġament ma hotel partikolari sabiex l-area tal-tlett siġriet tkun imzejna u mantenuta minn naħa tagħhom bħala parti mis-CSR izda minħabba l-pandemija ma sarux u ma jarax kif nistaw niffaċjawhom bħalissa.

32.6.10 Is-Sindku rringrazzja lill-kunsillier J.Pillow talli baqa jinsisti biex insibu assistenza għax-xogħolijiet li kellom isiru fil-Public Conveniences ta' Ġnien Independenza. Qal illi hemm kuntratt ta' 1999 li torbot lil Kunsill tieħu ħsieb kull tip ta' manutenjoni avolja ma kien hemm l-ebda devoluzzjoni. Il-kunsillier J.Pillow qa sibna ħafna kooperazzjoni u tnadfet u inbiddlu float switches. Avolja l-pompa ma ġietx indirizzata bħalissa qed taħdem.

**Il-kunsillier P.Radmilli talab illi jkun skużat fl-9.35pm. Kien skużat u telaq mill-kamra tal-laqgħa**

32.6.11 Is-Sindku qal illi daklinhar tal-laqgħa saru 5 planters ġodda ġewwa triq Għar il-Lembi.

32.6.12 Il-kunsillier A.Debono qal illi rċieva talba biex il-fustun li tibda fl-area ta' Taormina tasal sa fejn Mr. Softy. Il-Kunsill approva.

**31.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u'jew Sotto Kumitati**

32.7.1 Ma kien hemm l-ebda rapport.

**32.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

32.8.1 Mal-lista li ntbghatet lill-Kunsilliera gew imressqa zewg pagamenti ohra wiehed lis-Socjeta Filarmonika Sliema Ewro 350) kif ukoll lil Stephanie Spiteri dwar gift lil Bialystok (Ewro 110) Kien hemm

qbil. Il-kunsillier A.Debono ippropona li l-pagamenti jiġu aċċettati. Il-kunsillier K.Wain ssekondaħ.

**32.9 Mozzjonijiet;**

32.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni

**32.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

32.10.1 Is-Seduta ntemmet fil-22.15. Seduta oħra ġiet imsejħa nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021.

Minuti approvati llum nhar l-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021

(IFFIRMATA)

**Anthony Chircop**
**Sindku**

(IFFIRMATA)

**Anthony Attard**
**Segretarju Eżekuttiv**